MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Referenza Kostituzzjonali Numru. 68/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Amanda Agius**

B'digriet li nghata fl-1 ta' Dicembru 2009, il-Qorti tal-Magistrti (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ordnat riferenza fuq talba ta' Amanda Agius li saret b'rikors prezentat fil-11 ta' Gunju 2009. Agius qeghda tilmenta li peress li l-ligi ma kenitx tipprovdi ghad-dritt ta' access ghall-avukat waqt li suspettat ikun detenut mill-Pulizija u jkun irrilaxxa stqarrija minghajr ma kellu dritt

jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu, allura gew lezi d-drittijiet fundamentali protetti fl-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

L-Artikolu 6(1) jipprovdi:-

***"In the determination of ..... any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair..... hearing ... by [a] .... tribunal....."***.

L-Artikolu 6(3)(c) jipprovdi:-

***"Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:***

***......***

***(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require."***.

Fit-28 ta' Dicembru 2009, Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali pprezentaw twegiba fejn fil-qasir qalu:-

i. L-assistenza minn avukat m'huwiex dritt generali tal-akkuzat. Id-dritt ta' smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kriminali u mhux fir-rigward ta' mument partikolari.
ii. Hu prematur li jinghad li f'dan il-kaz hemm ksur tad-dritt ghall-smiegh xieraq ghaliex il-kaz ghadu pendenti (ara ***Imbrioscia v Switzerland***).
iii. Fil-kaz **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** deciza mill-ewwel qorti fid-9 ta' Ottubru 2009, il-qorti kkonkludiet li ma kienx hemm ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq, f'kaz b'fatti kwazi identici[1].
iv. Il-kaz ta' Salduz kien differenti mill-kaz prezenti, fejn fit-Turkija kien hemm ligi li tirregola l-materja.

---

[1] B'sentenza li nghatat mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April 2011, il-qorti rrevokat is-sentenza tal-ewwel qorti u ddikjarat li kien hemm lezjoni tad-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq kif protett fl-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

v. L-istqarrija saret volontarjament u ma kenitx obbligata li titkellem tant li nghatat twissija. Meta gew prezentati l-istqarrijiet ma oggezzjonatx ghalihom.

Il-Qorti rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amanda Agius** (416/2008), minn fejn jirrizulta li:-

1. Fl-10 ta' Frar 2004 ittiehdet stqarrija minghand Amanda Agius, **tfajla ta' 18 il-sena**, u li ghazlet li tiffirma. L-interrogazzjoni saret waqt li kienet arrestata u ghalhekk taht il-kustodja tal-pulizija. Fost id-domandi u risposti li nghataw, kien hemm dawn:-

*"M.Kemm ilek taghmel uzu mil-Ecstasy ?*
*R. Kwazi sena.*
*M. Minn barra Ecstasy gieli ghamilt uzu mil-haxixa ?*
*R. Iva ta' spiss qisu xahrejn hekk.*
***omissis***
*M. Tixtieq tghid xi haga ohra ma dak li ghidt qabel ?*
*R. Ii l-bierah ghajnt li Tyrone ibiegh l-Ecstasy.*
*M. Kemm kont qeghda izzomm ta' kull pillola Ecstasy ?*
*R. Hames liri ta' wahda.*
*M. Kemm bieghejt pilloli b'kollox ?*
*R. Madwar ghaxar pirmli......"*.

M'hemmx dubju li bit-twegibiet li tat inkriminat lilha nnifisha ghal dak li jikkoncerna bejgh u pussess ta' droga. Fil-fehma tal-qorti Amanda Agius tista' facilment tinstab hatja tal-akkuzi li ngiebu kontra taghha, bl-uzu tal-istqarrija li ghamlet fl-10 ta' Frar 2004.

2. Fit-12 ta' Jannar 2009 Agius giet akkuzata li bejn l-10 u 11 ta' Frar 2004 u matul l-erba' xhur ta' qabel:-
(a) ittraffikat id-droga ecstasy.
(b) kellha fil-pussess taghha il-medicina.

3. B'digriet li nghata fl-1 ta' Dicembru 2009, il-qorti ordnat riferenza kostituzzjonali fuq talba ta' Agius.

Fl-2002 ghaddiet ligi li kienet tipprovdi l-introduzzjoni ta' provvediment fil-Kodici Kriminali li jaghti d-dritt ghall-access ta' avukat lill-persuna arrestata. Provvediment li

dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35 tal-2010.

Din il-qorti kif presjeduta diga' kellha l-opportunita tiddeciedi dwar kazijiet simili. F'dan il-kuntest taghmel riferenza ghal dak li qalet fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri** deciza fis-16 ta' Jannar 2012 fejn inghad hekk:-

*"1. Dawn it-tip ta' ilmenti huma bazati fuq is-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz* ***Salduz v Turkija*** *tas-27 ta' Novembru 2008. F'dik id-decizjoni l-qorti ghamlitha cara li:*

*"..... in order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' (see paragraph 51 above) Article 6§1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as* ***from the first interrogation of a suspect by the police****, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see mutatis mutandis, Magee, cited above §44). The rights of the defence will in principle be irretrievably (be) prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.". L-enfazi hi cara, l-access ghall-avukat hi centrali biex jigi assigurat r-rispett ghad-dritt li s-suspettat ma jinkriminax lilu nnifsu. Dritt li kien gie rikonoxxut mill-Grand Chamber fil-kaz* ***Saunders vs United Kingdom*** *(1996):*

*"The Court recalls that, although not specifically mentioned in article 6 of the Convention, the right to silence and the right not to incriminate oneself, are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under article 6. Their rationale lies, inter alia, in the protectino of the accused against improper compulsion by the authorities thereby contributing to the avoidance of miscarriages of*

*justice and to the fulfilment of the aims of article 6... The right not to incriminate oneself, in particluar, presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused In this sense the right is closely linked to the presumption of innocence contained in article 6(2) of the Convention.”.*

*Minn qari tas-sentenza ta’ Salduz hu altru milli evidenti li persuna li tkun taht il-kustodja tal-pulizija ghandu jkollha access ghall-avukat qabel twiegeb ghal domandi. Il-Qorti esprimiet il-fehma li* ***“.... the absence of a lawyer <u>while he was in police custody</u> irretrievably affected his defence rights.”****. Mill-gurisprudenza ta’ Strasbourg hu evidenti li m’huwiex bizzejjed ghas-sistema legali li tassigura li s-suspettat jaf li ghandu dritt ghas-silenzju u li dan jigi salvagwardjat kontra kull possibilta’ li b’theddid jew weghdiet ta’ kull xorta, jista’ jigi ndott kontra l-volonta’ tieghu li jitkellem u b’hekk jinkrimina lilu nnifsu. Hu imperattiv li qabel jigi interrogat jinghata l-opportunita li jikkonsulta ma’ avukat biex jatih parir mhux biss dwar id-dritt tas-silenzju, imma wkoll jekk huwiex fl-interess tieghu li jezercita tali dritt, billi ma jghid xejn jew jaghmel dikjarazzjoni limitata.......*

*Il-principju stabbilit fil-kaz ta’ Salduz ma japplikax biss fil-kaz ta’ interrogatorju li jsir fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Domandi jistghu jsiru barra fit-triq, f’karrozza, jew f’dar kif gara f’dan il-kaz...........*

*L-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:-*

*“Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista’ tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b’theddid jew b’biza, jew b’weghdiet jew bi twebbil ta’ vantaggi.”.*

*Provvediment li sal-gurnata tal-lum ghad ma kien hemm l-ebda pronunzjament dwaru f’proceduri ta’ din ix-xorta.*

*Strettament, ghalhekk jidher li qorti kriminali li thalli stqarrija fl-atti tkun qeghda tapplika l-ligi (ara decizjoni tal-Qorti Kriminali[2] fil-kaz* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba*** *tas-6 ta' Jannar 2012). Min-naha l-ohra fil-fehma tal-qorti ikun kontrosens li din il-qorti tiddikjara li l-akkuzat sofra ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq ghaliex ma nghatax access ghall-avukat qabel l-interrogazzjoni, u mbaghad tghid li l-istqarrija tintuza fil-proceduri kriminali. Fejn hemm inkonsistenza bejn id-drittijiet fundamentali u provvediment tal-ligi, huma d-drittijet fundamentali li jridu jipprevalu (ara Artikolu 3 tal-Att XIV tal-1987). L-akkuzat ghandu dritt li jinghata rimedju xieraq. X'jista jkun dan ir-rimedju fi proceduri kriminali li ghadhom pendenti ? Ghal din il-qorti t-twegiba hi li l-istqarrija ma titqiesx bhala prova, u cjoe' ma tibqax fl-atti[3]. Il-fatt li l-istqarrija tibqa' fl-atti jfisser li tista' tintuza fil-proceduri kriminali kontra l-akkuzat. Ir-raguni tghidlek ukoll li jekk dik il-prova tibqa' fl-atti ghalkemm ma tissemmix fil-motivazzjoni tas-sentenza bhala raguni li wassal lill-qorti biex tikkonkludi li hu hati, hemm xorta l-periklu li tkun ghenet biex isahhah il-konvinciment ta' min irid jiddeciedi li l-akkuzat hu hati tar-reat. Dan irrispettivament jekk il-kwistjoni tal-htija tigi deciza minn gurati jew minn gudikant. Ghalkemm hu minnu li waqt guri l-qorti tista' taghti ordni fejn ma tippermettix lill-prosekuzzjoni li taghmel riferenza ghal dik il-parti ta' xhieda li nghatat waqt l-istruttorja u li tirreferi ghal dak li qal Camilleri fis-7 ta' Settembru 2006 lill-pulizija, pero l-kaz ma jieqafx mas-sentenza tal-Qorti Kriminali in kwantu eventwalment jista' jkun hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Irrespittivament ta' x'tista' tkun il-fehma ta' din il-qorti, bis-sentenza ta' Salduz gie stabbilit li r-restrizzjoni ghall-access ghall-avukat tippregudika d-dritt tal-akkuzat ghall-difiza, u l-assistenza legali li nghata wara jew n-natura kontestata tal-proceduri sussegwenti ma jistghux jissanaw id-difetti li sehhew meta r-rikorrent kien taht il-kustodja tal-pulizija. Il-qorti ta' Strasbourg ma ghamlitx distinzjoni per ezempju bejn nies li diga' xellfu difrejhom mal-gustizzja u huma midhla tal-*

---

[2] Imhallef Lawrence Quintano.

[3] F'dan il-kuntest din il-qorti (Imhallef G. Camilleri) taqbel mal-fehma li esprimiet din il-qorti fil-kawza **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fl-10 ta' Ottubru 2011[3]

*pulizija, u nies li qatt ma ghaddew minn esperjenza ta' interrogazzjoni. Madankollu llum l-ebda qorti lokali ma tista' tregga l-arlogg lura u ma jidhirx li hemm mod kif wiehed jista' jahrab minn dak dikjarat f'dik is-sentenza*[4]*. L-ghoti ta' somma flus bhala danni hu biss rimedju sussidjarju. Stqarrijiet li jittiehdu minghajr mal-persuna tkun inghatat access ghall-avukat, ma ghandhomx jintuzaw bhala prova kontriha. Dan ghandu japplika wkoll ghal xhieda li tkun ser tressaq il-prosekuzzjoni biex jirrakontaw dwar xi stqarrija verbali tal-akkuzat meta jkunu sarulu mistoqsijiet fil-presenza taghhom.*

*1. B'riferenza ghall-argumenti tal-Avukat Generali l-qorti hi tal-fehma li:-*

*(a) Kif rajna m'huwiex bizzejjed li l-pulizija taghti twissija li l-persuna ghandha dritt ma twegibx, u li dak li tghid jista' jingieb bhala prova fi proceduri gudizzjarji. Inoltre, m'huwiex rilevanti jekk l-akkuzat ikunx gie mgieghel jew le biex jaghmel xi dikjarazzjoni waqt l-investigazzjoni.*
*(b) Ghalkemm hu minnu li fil-kaz ta' Salduz il-persuna li kienet taht il-kustodja tal-pulizija kienet minorenni, madankollu s-sentenza ma kenitx limitata ghal min ghadu taht l-eta' (ara paragrafu §61 tas-sentenza).*
*(c) F'dan il-kaz il-qorti ma tqiesx li kien hemm xi cirkostanzi tali li d-dritt ghall-access ta' avukat kellu jigi ristrett. M'huwiex verosimili dak li jallega l-Avukat Generali li, "..... kieku l-Pulizija taghat lill-akkuzat l-opportunita' li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu fil-mument meta inqabad jikkunsinna l-pakkett in kwistjoni, kien hemm kull probabilita' li t-traccja ta' dak il-pakkett kienet ser tintilef.". Fil-kors tal-investigazzjoni l-pulizija kienet taf fejn kien jinsab il-pakkett, u kienet qeghda ssegwi mill-qrib il-movimenti. Inoltre u f'kull kaz, sa dak iz-zmien fil-ligi*

---

[4] Sahansitra l-European Committee for the Prevention of Torture & Inhuman & Degrading Treatment or Punishment (2010) f'rapport ipproponiet: "*Access to a lawyer for persons in police custody should include the right to contact and to be visited by the lawyer (in both cases under conditions guaranteeing the confidentiality of their discussions) as well as, in principle, the right for the person concerned to have the lawyer present during interrogation.*", u li "*The CPT has also emphasised that the right of access to a lawyer should be enjoyed not only by criminal suspects but also by anyone who is under a legal obligation to attend - and stay at - a police establishment, e.g. as a "witness".*".

*Maltija persuna taht arrest ma kellha l-ebda dritt li jkollha access ghall-avukat qabel isirulha domandi mill-pulizija.*
*(d) Fis-sentenza ta' Salduz il-qorti ma ghamlitx distinzjoni dwar il-perjodu meta jkunu saru d-domandi. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Il-***Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Mark Lombardi** *tat-12 ta' April 2011, diga' ghamlitha cara li llum il-gurnata trid tigi applikata l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. B'dan li spjegat ukoll li s-sentenza ta' Salduz m'ghandix ".....ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma res iudicata.".*
(e) *Ghalkemm l-Avukat Generali jsostni li biex wiehed jiddeciedi dwar kienx hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq jehtieg li jsir stharrig tat-totalita' tal-proceduri (***Imbrioscia v Switzerland** *inghatat fl-24 ta' Novembru 1993.), biex tkun tista' taghmel hekk trid tistenna l-ezitu finali tal-kawza. F'dan l-istadju m'huwiex possibbli li tkun taf jekk ir-rikorrent huwiex ser jigi effettwat min-nuqqas ta' access ghall-avukat, u dan peress li l-l-process kriminali ghadu pendenti u gialadarba ma nafux jekk dak li qal jintuzax bhala prova kontrih f'kaz li jinstab hati tal-akkuzi. Hu wkoll cert li fil-guri mhux ser ikun possibbli li wiehed ikun jaf jekk dak li qal lill-pulizija ttiehidx in konsiderazzjoni biex jinstab hati, peress li l-gurati ma jaghtux motivazzjoni ghad-decizjoni li jkunu waslu ghaliha. F'dan il-kuntest hi nteressanti s-sentenza tas-16 ta' Novembru 2010 tal-Grand Chamber fil-kaz* **Taxquet v Belgium** *li kienet tittratta ilment dwar nuqqas ta' smiegh xieraq f'guri, u l-konkluzjoni kienet li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni peress li d-decizjoni tal-Qorti Kriminali ma kenitx motivata. Rilevanti wkoll li l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz* **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** *(11 ta' April 2011) diga' kellha l-opportunita tghid li n-nuqqas ta' access ghall-avukat waqt l-investigazzjoni jista' jippregudika rrimedjabilment id-dritt ghad-difiza tal-akkuzat, u "jekk hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le."*.

Il-qorti tapplika *mutatis mutandis* ghal dan il-kaz, ir-ragunament li ghamlet fil-kaz ta' Camilleri. Ghalkemm ma

jirrizultax li saret xi allegazzjoni li dak li Agius qalet kien minhabba xi pressjoni, weghda jew theddid, in-nuqqas li jkollha access ghall-avukat qabel l-interrogazzjoni jwassal biex jeffetwa d-drittijiet ta' difiza. Fil-kaz ta' Salduz il-qorti kkonfermat li ghalkemm ir-rikorrent kellu l-opportunita li waqt is-smigh tal-kawza u wkoll fi stadju ta' appell, jikkontesta l-validita tal-provi li tressqu kontra tieghu, in-nuqqas ta' avukat fil-perjodu li kien fil-kustodja tal-pulizija kien effetwa d-drittijiet ta' difiza tieghu b'mod irrimedjabbli. M'huwiex bizzejjed li min qieghed jinvestiga jfakkar lill-persuna li ghandha d-dritt ghas-skiet; *"...... no inferences could be drawn from the mere fact that the applicant had been reminded of his right to remain silent and sined the form stating his rights. A caution given by the investigating authorities informing an accoused of the right to silence is a minimum recognition of the right, and as administered it barely meets the minimum aim of acquainting the accused with the rights which the law confirms on him."* (**Pishchalnikov v Russia** deciza mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Umani fl-24 ta' Settembru 2009[5]). L-ghazla ta' Agius li twiegeb ghad-domandi ma jfissirx li kienet qeghda tirrinunzja ghad-dritt li jkollha access ghall-avukat. Wara kollox fiz-zmien li ghamlet l-istqarrija, il-ligi ma kienet taghtiha l-ebda dritt simili. Ghalhekk ma setatx tirrinunzja ghal dritt li ma kienx jezisti. Inoltre, l-fatt li Agius ma ressqitx l-ilment fl-istadju meta gie prezentata l-istqarrija, ma jfissirx li kienet qeghda taccetta l-ammissibilta' taghha bhala prova[6], wara kollox l-oggezzjoni saret fl-istadju meta ghadhom qeghdin jitressqu l-provi tal-prosekuzzjoni.

Hu minnu wkoll li fil-kaz **Imbrioscia v Switzerland** (24 ta' Novembru 1993) inghad li wiehed irid ihares lejn il-process fit-totalita' tieghu, kif wara kollox rega' gie konfermat fil-kaz **Pishchalnikov v Russia.** Pero, wiehed ma jridx jinsa li dawn kienu kazijiet fejn il-proceduri kriminali kienu diga' konkluzi meta tqajjem l-ilment dwar ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. Fil-parti kbira tal-kazijiet li qeghdin jitressqu quddiem il-qrati lokali, l-ilment qieghed isir fi zmien meta l-proceduri kriminali ghadhom pendenti

---

[5] Il-kaz kien jittratta dwar stqarrijiet rilaxxati fl-ahhar tas-sena 1998.
[6] F'dan il-kuntest ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija vs Mark Lombardi**.

u qieghed jigi dikjarat li kien hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni bil-fatt li l-akkuzat ma kellux access ghall-avukat qabel gie interrogat. Min-naha l-ohra fil-kazijiet fuq imsemmija, wara li l-kaz kien gie deciz quddiem il-qrati nazzjonali u l-akkuzat instab hati, il-Qorti ta' Strasbourg kienet mitluba tistharreg jekk l-akkuzat kienx imcahhad minn smigh xieraq. F'dawk ic-cirkostanzi l-qorti ddikjarat kemm-il darba li trid tiddeciedi fid-dawl tal-proceduri mehudin fit-totalita' taghhom. Fil-kaz **Panovits** deciz fil-11 ta' Dicembru 2008, fejn il-qorti osservat: *"The concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. <u>The lack of legal assistance during the applicant's interrogation would constitute a restriction of his defense rights</u> in the absence of compelling reasons that do no prejudice the overall fairness of the proceedings.".* Il-prosekuzzjoni qeghda taghmel uzu mill-istqarrija kontra Agius, bhala l-aqwa prova li hi hatja tal-akkuzi, tant hu hekk li pprezentata bhala prova fl-ewwel seduta. Fil-fehma ta' din il-qorti, dan m'ghandux jigi permess gialadarba hemm l-oggezzjoni ta' Agius. Jista' jkun li dik l-istqarrija tkun ta' ghajnuna ghal Agius fl-eventwalita' li tinstab hatja tar-reati li giet akkuzata bihom u dan in kwantu m'hemmx dubju li ghenet lill-pulizija fl-investigazzjoni. Madankollu ghazlet li tikkontesta l-ammissibilita' tal-istqarrija bhala prova. Il-qorti trid taghmilha cara li l-fatt li din l-istqarrija giet esebita bhala parti mill-provi ma jfissirx li l-proceduri kriminali ma ghandhomx jitkomplew jew li huma vvizjati (ara per ezempju riferenza tas-27 ta' Gunju 2011 **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew John Migneco** (numru 41/11) deciza fil-15 ta' Novembru 2011).

Gialadarba hemm l-oggezzjoni ta' Agius, din il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-istqarrija li ghamlet, u li ma tistax tintuza biex tigi misjuba hatja tar-reati li giet akkuzata bihom, ghandha tibqa' fl-atti iktar u iktar meta tikkunsidra li l-mod kif ingabret kien bi ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija. L-assistenza legali li qeghda tinghata fil-kors tas-smigh tal-proceduri kriminali u l-fatt li huma *adverserial proceedings*, ma jistghux jissanaw id-difett li sehh waqt li kienet fil-kustodja tal-pulizija meta

ghamlet stqarrija minghajr ma kellha l-opportunita tikkonsulta ma' avukat. F'tali cirkostanzi l-qorti m'hijiex tal-fehma li wiehed ghandu joqghod jistenna biex jara jekk dan il-ksur fundamentali fl-istadju meta kienet ghadha lanqas biss tressqet il-qorti, jigix rimedjat fil-kors tal-proceduri.

Mill-atti jidher li Amanda Agius ghamlet ukoll stqarrija guramentata quddiem Magistrat Inkwirenti, ghalkemm partijiet mit-traskrizzjoni huma neqsin. Mill-atti m'huwiex car x'kienet il-gurnata u l-hin li saret l-istqarrija u jekk Agius kenitx ghadha taht arrest. Fil-fehma tal-qorti dak li nghad hawn fuq ghandu japplika wkoll ghal stqarrija guramentata li jaghmel suspettat waqt li jkun taht arrest, f'cirkostanzi fejn ma kienx inghata l-opportunita' li jikkonsulta ruhu ma' avukat. Jekk l-Artikolu 6 japplika meta suspettat jaghmel stqarrija lill-pulizija, *multo magis* ghandu japplika wkoll jekk jaghmel stqarrija guramentata quddiem awtorita gudizzjarja li normalment issir wara li l-pulizija jkunu diga' interrogawh. Fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg ma jidhirx li ssir distinzjoni bejn stqarrija mehuda mill-pulizija u stqarrija guramentata li ssir quddiem awtorita gudizzjarja li tkun qeghda tinvestiga r-reat, minkejja li hi indipendenti mill-ezekuttiv u m'hijiex parti fil-proceduri kriminali. M'hemmx dubju li l-istadju tal-inkjesta hu vitali ghall-gbir tal-provi li eventwalment jintuzaw fil-proceduri kriminali. Hekk per ezempju fil-kaz ta' **Kuralic vs Croatia** deciz fil-15 ta' Ottubru 2009, l-ilment kien dwar stqarrijiet li ghamel l-akkuzat quddiem imhallef li kien qieghed jinvestiga l-kaz u li kienu ntuzaw biex instab hati tal-qtil ta' martu. Il-Qorti osservat li trid tezamina *"..... **whether the manner in which these statements were given complied with the guarantees of fair trial under Articles 6 (1) and (3) of the Convention**. In this connection, the Court stresses that the role of establishing the facts relevant to the assessment of the applicant's guilt is in the sole province of the national courts. The Court's task is to ascertain whether the proceedings considered as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair."*. Kif inghad fis-sentenza ta' Salduz: *"At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable*

*position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself.”*. F’dan il-kuntest hi rilevanti l-osservazzjoni li saret fl-istess kaz: *“Early access to a lawyer is part of the procedural safeguardws to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination.”*. Sahansitra fis-sentenza ta’ Salduz l-Imhallef Bratza, li llum hu l-President tal-Qorti, mar pass iktar meta osserva: “*I consider that the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that,* ***as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.****”*. Li persuna suspettata li tkun arrestata jkollha l-opportunita tikkonsulta ma’ avukat qabel taghmel stqarrija guramentata hu **l-minimu** sabiex jigi garantit li l-mod kif inghataw dawn l-istqarrijiet kien konformi mal-garanziji ta’ smigh xieraq taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. M’huwiex bizzejjed li persuna tigi avzata li ghandha dritt li ma taghmilx dikjarazzjonijiet li bihom tinkrimina lilha nnifisha, u bil-fatt li tkun wiegbet ma jfissirx li qeghda implicitament tirrinunzja ghad-dritt li tikkonsulta ma’ avukat qabel taghmel stqarrija. Dritt li l-ligi lokali ma kenitx tipprovdi ghalih fl-istadju qabel is-suspettat jitressaq il-qorti akkuzat b’reat/i.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi li:-**

**1. Kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali ta’ Amanda Agius protett mill-Artikolu 6(3)(c) abbinat mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress li ma kellix dritt ghall-access ta’ avukat qabel sarulha domandi mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz u li wassal sabiex taghmel stqarrija fl-10 ta’ Frar**

**2004. Decizjoni li ghandha tapplika wkoll fir-rigward ta' stqarrija guramentata li setghet tat lill-Magistrat Inkwirenti fil-perjodu li kienet taht arrest.**

**2. Tiddikjara li fil-kors tas-smiegh tal-proceduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Amanda Agius (408/2008) m'ghandux isir uzu ta' dawn il-provi kontra Amanda Agius.**

**3. Peress li l-kaz ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tqies li ghandha tkun dik il-qorti li taghti ordni li tkun konformi ma' dak li gie deciz f'din is-sentenza dwar x'ghandu jsir mill-istqarrija ta' Amanda Agius li tinsab fl-atti. Il-qorti li quddiemha qieghed jinstema l-kaz ghandha tqies ukoll jekk l-istqarrija guramentata li saret quddiem il-Magistrat Inkwirenti u li parti biss minnha tinsab fl-atti tal-proceduri kriminali, ittiehditx fi zmien li Agius kienet taht arrest jew wara li giet rilaxxata, sabiex taghti l-ordni opportuna in konformita ma' din is-sentenza.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Tordna lir-Registratur sabiex jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li quddiemha qieghed jinstema' l-kaz flimkien mal-atti tal-proceduri kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------